



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 20 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10066/22

DEVGEN 119
ACP 74
RELEX 769
ALIM 5
COEST 457
COHAFA 60

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 20 ta' Ġunju 2022

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 10031/22 + ADD 1

Suġġett: Ir-rispons ta' Tim Ewropa għan-nuqqas ta' sigurtà dinjija tal-ikel
– Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Ġunju 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rispons ta' Tim Ewropa għan-nuqqas ta' sigurtà dinjija tal-ikel, kif adottati mill-Kunsill fit-3884 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Ġunju 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rispons ta' Tim Ewropa għan-nuqqas ta'sigurtà dinjija tal-ikel

1. Il-Kunsill għadu mħasseb fil-fond għax mad-dinja kollha l-popolazzjonijiet vulnerabbli qed jaffaċċjaw livelli bla preċedent ta' nuqqas ta' sigurtà tal-ikel. Filwaqt li l-għu kbir, il-malnutrizzjoni u r-riskju ta' karestija, ikkawżati b'mod predominanti mill-faqar, il-konflitti, l-instabbiltà politika, kondizzjonijiet soċjoekonomiċi, perikli naturali u t-tibdil fil-klima kienu diġà qed jiżdiedu, il-Kunsill ifakkar li l-gwerra mhux ġustifikabbli, mhux provokata u illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna bil-bumbardament u s-sakkeġġ intenzjonati tagħha ta' assi agrikoli, il-qerda tal-faċilitajiet ta' ħżin u pproċessar tal-ikel, flimkien mal-imblokk tal-portijiet tal-Baħar l-Iswed, aggravaw b'mod drammatiku l-kriżi tas-sigurtà tal-ikel.
2. Is-sistemi tal-ikel ilhom magħfusa għal ħafna snin u l-pandemija tal-COVID-19 uriet il-fraġilità kemm tal-ktajjen tal-provvista kif ukoll tas-sistemi agroalimentari u qerdet l-istabbiltà makroekonomika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikolarment il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati. Il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna wasslet għal tnaqqis sinifikanti fid-disponibbiltà tal-ikel, l-għalf tal-annimali u l-fertilizzanti, żidiet sinifikanti fil-prezzijiet tal-ikel, tal-enerġija u tal-fertilizzanti, u aggravat in-nuqqas ta' sigurtà dinjija tal-ikel. Dan qed ikollu konsegwenzi drammatiċi mhux biss għall-poplu Ukren iżda anki għal ħafna popolazzjonijiet vulnerabbli madwar id-dinja. Barra minn hekk, iżid ir-riskju ta' taqlib soċjali, konflitt u instabbiltà u, flimkien ma' sfidi oħra, għandu konsegwenzi possibbli fuq il-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat. Dan affettwa wkoll il-kapaċità li tingħata assistenza umanitarja.

3. Il-Kunsill jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-aktar pajjiżi sħab milquta. Fid-dawl ta' dawn l-isfidi, l-UE ser tibqa' attur globali reattiv, responsabbli u affidabbli. Il-Kunsill jagħraf li daww li ntlawt l-aġar huma l-pajjiżi l-anqas żviluppati u fraġli, pajjiżi dipendenti hauna fuq il-provvisti u l-importazzjonijiet tal-ikel mill-Ukrajna u mir-Russja, kif ukoll l-aktar pajjiżi milquta mit-tibdil fil-klima. Il-Kunsill jenfasizza l-urġenza li jkun hemm rispons dinji rapidu u komprensiv biex jiġu protetti l-ħajjiet, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġħajxien tal-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, tissaħħaħ il-produzzjoni lokali u titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjoni, filwaqt li tiġi appoġġata t-tranżizzjoni għal sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenza akbar. Il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni għad-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tas-sigurtà tal-ikel u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tindirizza d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru fil-politiki, is-sħubiji u l-inizjattivi tagħha. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu lejn kooperazzjoni u soluzzjonijiet multilaterali effettivi u jenfasizza l-urġenza li titħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-ġħanijiet ta' żvilupp sostenibbli tagħha, b'mod partikolari l-SDG 2 dwar Ġuħ Żero, filwaqt li jfakkar fil-prijoritajiet tal-UE għas-Summit dwar is-Sistemi tal-Ikel tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2021 u l-impenni tal-UE li ttieħdu fis-Summit dwar in-Nutrizzjoni għat-Tkabbir (N4G, Nutrition for Growth) li sar f'Tokyo f'Diċembru 2021.
4. Ma hemm l-ebda sanzjoni fuq l-esportazzjonijiet Russi tal-ikel lejn is-swieq globali. Is-sanzjonijiet tal-UE huma mmirati b'mod partikolari lejn il-gvern Russu, l-ekonomija u s-sistema finanzjarja tar-Russja, il-forzi armati u l-klassi għolja Russa inkluż l-atturi ekonomiċi responsabbli għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna jew li jappoġġawha, sabiex ixekklu l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-azzjonijiet tal-UE jiġu kkomunikati b'mod viżibbli bħala attur globali responsabbli u affidabbli u li jiġu miġġielda l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza mir-Russja, li b'mod falz qed twaħħal fis-sanzjonijiet għas-sitwazzjoni dinjija dejjem aġar tas-sigurtà tal-ikel, inkluż l-użu tal-ikel bħala arma b'riperkussjonijiet dinjija. Il-manipulazzjoni tal-informazzjoni mir-Russja hija parti minn kampanja kkoordinata u ffinanzjata mill-Istat. L-UE u l-Istati Membri tagħha, flimkien ma' sħab oħra f'fora multilaterali, ser ikomplu jqajmu kuxjenza dwar dan, inkluż f'pajjiżi sħab.

5. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-UE turi solidarjetà qawwija permezz ta' rispons rapidu u komprensiv ibbażat fuq multilateraliżmu effettiv. Dan għandu jibni fuq il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2022 dwar "Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel" u fuq it-tliet pilastri – il-kummerċ, is-solidarjetà u l-produzzjoni – tal-Missjoni ta' Reżiljenza Alimentari u Agrikola (FARM), kif milqugħa mill-Kunsill Ewropew fit-30 u l-31 ta' Mejju 2022. Dan ir-rispons għandu jkun allinjat bis-sħiħ mal-Grupp tan-NU ta' Rispons għall-Kriżijiet Globali (GCRG) u ma' inizjattivi internazzjonali rilevanti oħra, b'mod partikolari l-Alleanza Globali għas-Sigurtà tal-Ikel mibdija mill-G7.
6. Il-Kunsill jappella għal rispons b'saħħtu, effettiv u trasparenti minn Tim Ewropa għan-nuqqas ta' sigurtà dinjija tal-ikel li jinkludi l-erba' linji ta' azzjoni li ġejjin: 1. Solidarjetà permezz ta' sokkors ta' emerġenza u appoġġ għall-affordabbiltà; 2. Għoti ta' spinta lill-produzzjoni sostenibbli, ir-reżiljenza u t-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel; 3. Faċilitazzjoni tal-kummerċ billi l-Ukrajna tiġi meġġuna tesporta l-prodotti agrikoli permezz ta' rotot tal-art u portijiet tal-UE u bil-promozzjoni ta' kummerċ dinji miftuħ fl-ikel u l-fertilizzanti; u 4. Multilateraliżmu effettiv. Dawn l-erba' linji ta' azzjoni huma maħsuba biex ikunu ta' appoġġ reċiproku u biex jintegraw risponsi fuq terminu qasir, medju u aktar fit-tul.
7. **Taħt il-linja ta' azzjoni tas-solidarjetà**, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex bl-użu ta' għodod disponibbli jżidu, b'mod urġenti, l-impenji meħuda lejn l-għajjnuna umanitarja u l-appoġġ imfassal apposta fuq terminu qasir lill-aktar gruppi vulnerabbli fil-pajjiżi u r-reġjuni milquta sabiex, b'mod partikolari, jiġu appoġġati l-produzzjoni lokali u l-aċċess għall-ikel, inkluż permezz ta' approċċ li jorbot l-għajjnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi. L-UE u l-Istati Membri ser iserrġu fuq il-kapaċità analitika tan-**Network Globali Kontra l-Kriżijiet tal-Ikel (GNAFC)** u ser jużaw taħlita ta' modalitajiet ta' implimentazzjoni, inkluż, fost l-oħrajn, l-għoti ta' assistenza u appoġġ fi flus kontanti permezz ta' sistemi eżistenti ta' edukazzjoni u protezzjoni soċjali kull meta xieraq u possibbli, u t-tisħiħ ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u inizjattivi konġunti fil-livell nazzjonali u reġjonali. Ir-rispons għandu jkun ibbażat fuq valutazzjonijiet aġġornati regolarment tal-vulnerabbiltajiet u l-ħtiġijiet.

8. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw l-affordabbiltà tal-ikel billi jindirizzaw l-istabbiltà fiskali u makroekonomika ta' pajjiżi vulnerabbli u bi dħul baxx u billi jikkontribwixxu għal inizjattivi internazzjonali mmirati biex jassistu lis-sħab dinjija fir-rigward tas-serħan mid-dejn u l-istabbiltà makroekonomika, filwaqt li jfakkru, f'dan ir-rigward, fil-pjan ta' azzjoni reċenti tal-istituzzjoni finanzjarja internazzjonali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel. Dan jinkludi t-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-Qafas Komuni għat-Trattament tad-Dejn tal-G20/Klabb ta' Pariġi. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jesploraw il-possibbiltajiet ta' kontribuzzjonijiet volontarji addizzjonali biex id-Drittijiet Speċjali ta' Prelevament (SDRs) tal-ekonomiji avvanzati jiġu riorjentati lejn pajjiżi vulnerabbli, permezz ta' mekkaniżmi speċifiċi tal-FMI.
9. Minbarra l-programmi ta' kooperazzjoni u appoġġ imwettqa bħalissa mill-UE u l-Istati Membri tagħha, il-Kunsill jilqa' l-mobilizzazzjoni ta' emerġenza reċenti b'appoġġ għar-reġjuni milquta ewlenin, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni tal-UE ta' EUR 225 miljun b'appoġġ għall-Viċinat tan-Nofsinhar permezz tal-Faċilità għall-Ikel u r-Reżiljenza, il-wegħda ta' Tim Ewropa ta' EUR 1 biljun b'appoġġ għar-reġjuni tas-Sahel u tal-Lag Chad, kif ukoll il-wegħda ta' Tim Ewropa ta' aktar minn EUR 600 miljun b'appoġġ għall-Qarn tal-Afrika.

10. **Taħt il-linja ta' azzjoni tal-produzzjoni, ir-reżiljenza u t-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel**, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu appoġġati soluzzjonijiet sostenibbli fuq terminu medju u twil biex jindirizzaw is-sigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni. Il-fatturi sottostanti għannuqqas ta' sigurtà tal-ikel attwali għandhom għalhekk jiġu indirizzati bħal, b'mod partikolari, it-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art fertili, filwaqt li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni lokali sostenibbli fil-pajjiżi sħab. F'dan ir-rigward, il-Kunsill iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-appoġġ tagħhom għal sistemi akkwatiċi u agroalimentari sostenibbli, inklużivi u reżiljenti. Dan jista' jsir, fost l-oħrajn, permezz ta' investimenti fil-ktajjen tal-valur tal-ikel u approċċi agroekoloġiċi u approċċi innovattivi oħra b'mod ġenerali, id-diversifikazzjoni tal-flussi kummerċjali u tal-produzzjoni, miżuri biex jittejjeb l-aċċess għal ikel tajjeb għas-saħħa affordabbli, inqas dipendenza fuq il-fjuwils fossili u użu aktar effiċjenti tagħhom u użu aktar effiċjenti u sostenibbli ta' mezzi sintetiċi (fertilizzanti, pestiċidi), reżiljenza mtejbja għat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, kooperazzjoni transkonfinali msaħħa fir-rigward tal-ilma, governanza mtejbja tal-art, titjib fil-kapaċitajiet tal-produtturi lokali, miżuri kontra l-ħela tal-ikel, swieq lokali u reġjonali integrati u aċċess għall-finanzjament min-naħa ta' azjendi agrikoli żgħar u organizzazzjonijiet tal-bdiewa u soluzzjonijiet diġitali, riċerka u innovazzjoni rilevanti li għalihom l-UE ser taqdi rwol ewlieni fis-CGIAR. L-inizjattivi kollha għandhom ikunu konformi mal-Patt Ekoloġiku tal-UE, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u dik għall-Bijodiversità kif ukoll mad-Direttiva tal-UE 2019/633 dwar prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari. Ir-rispons ser jibni, kemm jista' jkun, fuq il-qafas u l-impenji eżistenti, bħas-Summit UE-UA u l-investimenti maqbula fih dwar is-sistemi tal-ikel u l-Ħajt il-Kbir l-Aħdar. L-inizjattivi għandhom jinkludu enfasi speċjali fuq in-nisa u l-bniet bħala atturi tal-bidla.
11. Filwaqt li jirrikonoxxi s-Sena tan-Nutrizzjoni 2022 tal-Unjoni Afrikana, u filwaqt li jissottolinja t-theddid għall-oġettiv ta' saħħa tajba fir-reġjuni kollha tad-dinja, il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jidħlu fi djalogu approfondit mas-sħab Afrikani dwar is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni. Tim Ewropa ser ikompli jinvolvi ruħu flimkien mas-sħab Afrikani f'inizjattivi ewlenin identifikati fis-Summit UE-UA, inkluż rigward ktajjen ta' valur agrikoli sostenibbli u sistemi tal-ikel reżiljenti.

12. Il-Kunsill jappella għal mobilizzazzjoni akbar ta' soluzzjonijiet innovattivi u appoġġ tas-settur privat, filwaqt li jfakkar fil-ħtiġijiet importanti tal-pajjiżi l-anqas żviluppati u fraġli kif ukoll tal-aktar pajjiżi affettwati min-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel f'reġjuni oħra, fosthom il-Viċinat tan-Nofsinhar, inkluż permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) u l-Arkitettura Finanzjarja Ewropea għall-Iżvilupp (EFAD) li għandha l-għan, fost l-oħrajn, li ssaħħa il-parteċipazzjoni tal-Istituzzjonijiet Ewropej tal-Finanzjament għall-Iżvilupp (EDFIs).
13. **Fil-linja ta' azzjoni tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ**, il-Kunsill jisħaq dwar l-importanza ewlenija li l-Ukrajna tiġi megħjuna b'mod urġenti biex tipproduċi u tesporta prodotti agroalimentari bażiċi permezz ta' rotot tal-art u portijiet tal-UE differenti. Il-Kunsill ifaħħar il-miżuri li ttieħdu s'issa għal dak il-għan mill-Istati Membri u jappella għal aktar sforzi msaħħa mill-Kummissjoni u l-Istati Membri f'dan ir-rigward, partikolarment permezz tal-implimentazzjoni rapida tal-"Pjan ta' Azzjoni dwar il-Korsiji ta' Solidarjetà" biex il-qamħ Ukren jiddaħħal lura fis-swieq dinjija, b'kont meħud fl-istess ħin tal-ħtiġijiet ta' dawk li diġà qed ibatu l-konsegwenzi immedjati tal-gwerra, jiġifieri l-poplu tal-Ukrajna, filwaqt li jiġu appoġġati wkoll pajjiżi li jmissu mal-Ukrajna. Barra minn hekk, il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jiffaċilitaw il-provvista rapida lill-Ukrajna ta' inputs ewlenin għal aktar produzzjoni, b'mod partikolari fertilizzanti, għalf tal-annimali, żrieragħ u fjuwil.
14. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex jaħdmu b'mod konġunt mas-sħab internazzjonali rilevanti biex jippromwovu ambjent kummerċjali miftuħ, trasparenti u prevedibbli, b'mod partikolari biex tiġi evitata l-kumulazzjoni ta' riżerva inadegwata ta' prodotti bażiċi ewlenin u jiġu evitati restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ikel u ta' inputs agrikoli ewlenin bħall-fertilizzanti. Dawn il-miżuri huma kontroproduktivi; jikkontribwixxu għal aktar volatilità fil-prezzijiet tal-ikel; u jaggravaw in-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel. B'mod partikolari, il-Kunsill jappoġġa bis-sħiħ eżenzjoni stretta ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel mixtrija għal finijiet umanitarji mhux kummerċjali mill-Programm Dinji tal-Ikel u minn sħab umanitarji rilevanti oħra - li bħalissa qed tiġi nnegozjata fid-WTO, u titjib fit-trasparenza tas-suq tal-ikel u tal-fertilizzanti u fir-rispons politiku permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli (AMIS), b'koordinazzjoni mal-OECD u l-FAO, atturi privati u taħt il-qafas ġenerali tal-GCRG. Il-

Kunsill jinnota l-isforzi biex jiġu żviluppati inizjattivi fuq skala kbira biex ikopru d-distakk fl-ispiża tal-importazzjoni tal-ikel għall-pajjiżi importaturi netti.

15. **Fil-linja ta' azzjoni tal-multilateraliżmu**, il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu lejn il-multilateraliżmu effettiv u jappella lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex isaħħu l-involvement tagħhom mas-sħab multilaterali ewlenin: l-organizzazzjonijiet rilevanti tan-NU, b'mod partikolari l-aġenziji bbażati Ruma (il-FAO, id-WFP u l-IFAD) u l-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija, il-G7/G20 u d-WTO kif ukoll l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali kemm fil-livell tal-kwartieri ġenerali kif ukoll fil-livell tal-pajjiżi. Dan jappoġġa rispons dinji u kkoordinat tajjeb, jiffaċilita l-koordinazzjoni bejn diversi inizjattivi u jikkontribwixxi għall-involvement tal-atturi rilevanti kollha, inkluż is-settur privat u s-soċjetà ċivili.
16. Il-Kunsill jappoġġa r-rwol importanti tan-Network Globali kontra l-Kriżijiet tal-Ikel bħala l-alleanza dinjija tal-atturi tal-ġhajjnuna umanitarja u tal-ġhajjnuna għall-iżvilupp impenjati biex jindirizzaw il-kawżi fil-qofol tal-kriżijiet tal-ikel u jippromwovu soluzzjonijiet sostenibbli. Dan għandu jkun ċentrali għall-valutazzjoni kkoordinata tal-ħtiġijiet u għat-trawwim ta' approċċ li jorbot l-ġhajjnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi fil-livell dinji, reġjonali u dak nazzjonali.
17. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappoġġa r-rispons ta' Tim Ewropa għan-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u jappella lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex:
 - a) jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lill-Grupp ta' Rispons għall-Kriżijiet Globali tan-NU u jimplimentaw il-linji ta' azzjoni kif deskritti f'dawn il-konklużjonijiet, inkluż fi ħdan il-FARM u l-Alleanza Globali għas-Sigurtà tal-Ikel;
 - b) jipprijoritizzaw l-appoġġ finanzjarju tagħhom biex jindirizzaw is-sigurtà dinjija tal-ikel inkluż il-ħtiġijiet umanitarji immedjati, fosthom l-assistenza finanzjarja u teknika għall-pajjiżi importaturi tal-ikel fejn meħtieġ, kif ukoll sistemi tal-ikel sostenibbli fuq terminu medju sa twil u produzzjoni lokali aħjar għal reżiljenza aħjar, u jesploraw is-sorsi kollha ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-aċċellerazzjoni u l-antiċipazzjoni tal-programmi u jimmobilizzaw ir-riżervi mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-30 u l-31 ta' Mejju 2022;
 - c) jipprovdu risponsi mfassla apposta skont il-pajjiż u r-reġjun f'approċċ ta' Tim Ewropa u, kull meta possibbli, permezz ta' inizjattivi ta' Tim Ewropa;

- d) jistabbilixxu b'mod konġunt sistema ta' monitoraġġ, ibbażata fuq data u linji gwida eżistenti tal-OECD-DAC, biex jiżguraw il-ġarr tar-responsabbiltà u t-trasparenza tal-finanzjament; f'dak ir-rigward, il-Kunsill jappella għal aġġornamenti regolari dwar ir-riżorsi mobilizzati taħt ir-rispons ta' Tim Ewropa għan-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel inkluż inizjattivi ewlenin konkreti;
- e) jintensifikaw l-isforzi ta' komunikazzjoni konġunti fil-livell multilaterali, reġjonali u tal-pajjiżi sabiex jiġu indirizzati l-perċezzjonijiet u t-tħassib fil-pajjiżi sħab; isaħħu b'mod urġenti l-isforzi tas-SEAE biex jimmonitorja u jirribatti l-kampanji ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni tar-Russja mmirati biex jiddevjaw ir-responsabbiltà għall-kriżi tas-sigurtà tal-ikel lil hinn mill-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jaħdmu flimkien mal-Istati Membri billi jikkondividu u jikkoordinaw messaġġi komuni;
- f) jirrapportaw regolarment lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-rispons konġunt.
-